# BirdLife Malta tilqa' d-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea li d-Direttivi dwar l-Għasafar u l-Ħabitats huma tajbin kif inhuma

## Kampanja pubblika kbira twassal biex il-liġijiet tal-UE dwar in-natura jiġu salvati

BirdLife Malta tilqa' l-aħbar tajba li l-President tal-Kummissjoni Ewropea Jean-Claude Juncker u l-Kummissjoni li jmexxi kkonfermaw li l-liġijiet tal-Unjoni Ewropea dwar in-natura – id-Direttiva dwar l-Għasafar u d-Direttiva dwar il-Ħabitats – se jiġu salvati u mhux se jinkitbu mill-ġdid jew jiġu mdgħajfa. B'hekk sa fl-aħħar ġew fi tmiemhom sentejn ta' inċertezzi dwar il-futur ta' dawn il-liġijiet. Il-Kummissarji Ewropej sejħu wkoll għal pjan biex dawn il-liġijiet jiġu implimentati u infurzati aħjar. Din hija rebħa għar-rekord ta' nofs miljun ruħ li sejħu lill-Kummissjoni biex issalva u tinforza dawn il-liġijiet bħala parti mill-kampanja #NatureAlert li saret madwar l-Ewropa kollha.

Wara din il-kampanja pubblika, li BirdLife Malta appoġġjat bħala parti mill-familja kollha ta' BirdLife fl-Ewropa, il-Kummissjoni Ewropea kienet tat bidu għal dik li ssejħet *fitness check* ta' dawn id-direttivi. Ir-riżultati tal-Fitness Check tħabbru llum u jikkonfermaw li dawn id-direttivi huma tajbin kif inhuma u dak li għandu jsir hu li jkun hemm sforz akbar biex jiġu infurzati.

Ariel Brunner, Senior Head of Policy ta' BirdLife Europe qal: "Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li ssalva l-liġijiet tan-natura tagħna juru li l-vuċi ta' aktar minn nofs miljun ċittadin li sejħu biex dawn il-liġijiet jiġu msaħħa u infurzati nstemgħet ċar. In-natura hi valur importanti għas-soċjetà tagħna u xi ħaġa neċessarja għas-sopravivenza tal-istess soċjetà. Din hija wkoll rebħa għall-kunċett ta' koperazzjoni Ewropea għax in-natura m'għandhiex fruntieri".

Darryl Grima, President ta' BirdLife Malta sostna: "Għal darba oħra ċ-ċittadini Ewropej ingħaqdu għal kawża ambjentali u l-vuċi tagħhom instemgħet. Għalina ta' BirdLife Malta, dan isaħħaħna fit-twemmin li l-kuntatt man-nies hu neċessità fejn jidħlu kwistjonijiet ambjentali. Din hija rebħa għan-natura bis-saħħa tan-nies, u meta tirbaħ in-natura, jirbaħ magħha n-nies ukoll!"

**TMIEM**

www.birdlifemalta.org/become-member
Għinna ntiru
Issieħeb ma' BirdLife Malta u tir magħna

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Ħoloq utli:**
Id-dikjarazzjoni tal-lum mill-Kummissjoni Ewropea:
http://europa.eu/rapid/press-release_MEX-16-4308_en.htm

Avvenimenti ewlenin fil-kampanja li wasslet għad-deċiżjoni tal-lum:
http://birdlifemalta.org/2016/12/d-day-europes-nature-laws/

Reazzjoni konġunta tal-NGOs internazzjonali li ffurmaw il-kampanja #NatureAlert:
http://www.birdlife.org/sites/default/files/attachments/naturealertjointngopressrelease.07.12.2016.pdf

**Ritratti:**
Azzjoni li ttieħdet dalgħodu fi Brussell bħala parti mill-kampanja #NatureAlert quddiem il-Kummisjoni Ewropea waqt li l-Kummissarji tal-UE kienu fuq ġewwa jiddiskutu l-futur tal-liġijiet tan-natura **(Ritratti ta' Friends of the Earth Europe)**

